MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 85/2009

**A B**
**vs**
**T B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Mejju 2003, u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel P fit-23 ta' Awissu 2004; li l-partijiet isseparaw konsenswalment fil-21 ta' Lulju 2008; li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-konvenut fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; u ghalhekk l-attrici qed titlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi minn din il-Qorti; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut, filwaqt li ddikjara l-qbil tieghu mat-talba ghall-annullament taz-

zwieg, ikkontesta r-responsabbilita', u sostna li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici li kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg kuntrattat minnha mal-konenut fil-11 ta' Mejju 2003 huwa null fil-ligi minhabba li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jikkontesta r-responsabblitita' tieghu ghan-nullita'.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Mejju 2003, meta allura l-attrici kellha 19-il sena u l-konvenut kellu 22 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sitt [6] snin. Minn dan iz-zwieg twieled it-tifel P fit-23 ta' Awissu 2008. Fil-21 ta' Lulju 2008 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-attrici tghid li hi kienet bdiet tohrog mal-konvenut, li kien akbar minnha sentejn, meta kellha 13-il sena. Matul is-sitt snin li kien johorgu flimkien qabel iz-zwieg, l-attrici rravvizat problema li kienet fonti ta' inkwiet bejniethom, u cioe' il-vizzju tal-loghob li kellu l-konvenut, allura gharus taghha. Hija tghid li lill-konvenut kienet thobbu, izda kienu jiggieldu hafna minhabba dan il-vizzju tieghu, u wkoll kienet taqbdu fil-gideb. Tghid ukoll li, anke f' dak l-istadju tar-relazzjoni taghhom il-konvenut kien izjed jiffoka fuq ir-relazzjoni ma' hutha s-subien milli fuqha.

Minkejja li dawn kienu jillitigaw, ommha kienet thobb hafna lill-konvenut, u, kif konfermat mill-istess omm fl-

affidavit taghha, kienet tqisu bhala binha, u ghalhekk meta l-attrici kienet twaqqaf ir-relazzjoni, il-familjari taghha, principalment ommha kienu johduha kontra taghha, u b' success kienu jaghmlu pressjoni fuqha biex tahfirlu. Hi tirrakkonta episodju li sehh sena u nofs qabel iz-zwieg, meta kienet skopriet li l-konvenut kien qed jigdbilha u kienet qabditu jilaghab. Hawnhekk il-familja taghha kienu haduha kontra taghha ghax kienet hassret. L-attrici tghid fuq ommha: "ghax hi theddidni lili …. qaltli 'rridek tahfirlu, darba, mhux ser jerga' jaghmilha', qaltli 'ahfirlu wasalt biex tizzewweg."[1] L-attrici cediet ghall-pressjoni tal-familjari taghha, u hafritlu, u l-partijiet izzewwgu.

Illi wara z-zwieg is-sitwazzjoni aggravat. Tispjega, li l-konvenut kien jahdem il-Casino, u meta kienu marru cruise huma, fuq xewqa tal-konvenut, kienu marru Las Vegas. "Meta marru hemmhekk Las Vegas, il-hin kollu mohhu biex jilghab" u ma kienx jilghab ftit "Dan le, dan baqa' jrid jilaghab, jilaghab kull casino li jidhol irid jilaghab."[2] Tghid li l-excursions fil-cruise kienet tmur mal-kugina taghha, filwaqt li l-konvenut kien jibqa' jilaghab fuq il-vapur.

Meta marru lura d-dar, hija kienet skopriet li l-konvenut kien gibed il-flus ad insaputa taghha mill-kont komuni taghha, u kien wkoll halla LM400 dejn. Skopriet ukoll li, ad insaputa taghha, il-konvenut kien issellef somma ta' flus minghand iz-ziju taghha sabiex ihallas lill-kredituri.

Okkazjoni minnhom, wara circa sentejn konvivenza matrimonjali, l-attrici skopriet li l-konvenut kellu relazzjoni extra-matrimonjali ma' mara. F' dan l-istadju l-hajja konjugali bejn il-partijiet spiccaw, u eventwalment isseparaw.

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut jammetti li hu kien ihobb jilaghab il-kaxxi tal-loghob [gambling machines] izda, fl-affidavit tieghu, jghid li hu qatt ma kien iqis dan bhala vizzju da parti tieghu[3].

[1] Fol.58
[2] Fol.60
[3] Fol.107

Huwa kien imur il-kazin jilaghab b’ dawn il-magni, u anke loghob ta’ billiards ma shabu; izda l-attrici, anke fiz-zmien l-gherusija, ma kienitx tiehu pjacir b’ dan, u ghalhekk kienu jiggieldu. Jispjega li peress li huwa kien jahdem, u kellu tlett jobs, anke fiz-zwieg, il-familja qatt ma kien ihalliha nieqsa, u ghalhekk seta’ jaghmel dawn il-kapricci ghal gost tieghu.

Izda fl-istess depozizzjoni huwa jammetti li kellu “il-vizzju” tal-loghob u li dan kien suggett ta’ glied bejn il-partijiet, kemm bhala gharajjes u kemm bhala mizzewwgin, izda jikkonferma li l-attrici kienet taf b’ dan il-vizzju sa minn qabel iz-zwieg.[4]

Jghid li l-attrici hija mara possessiva u riedet tikkontrollah, u dan jispjega ghaliex hi kienet tinsisti mieghu li matul l-gherusija huwa jorqod ljieli ghand il-genituri taghha. Hi kienet tghir hafna ghalih, u matul iz-zwieg kienet tillitiga mieghu fuq suspetti da parti taghha li hu ma kienx fidil lejha, izjed u izjed, meta minn ftit qabel iz-zwieg, huwa kien beda jahdem il-Casino “ma’ hafna tfajliet”[5]. Matul iz-zwieg, u anke qabel, kienet tiddejjaq li l-konvenut iqatta’ l-hin tieghu fil-kazin.

Jghid li, kien jinqala’ l-inkwiet meta fiz-zwieg l-attrici kienet tghid li hu kien qed jiehu ad insaputa taghha, flus mill-kont komun. Jammetti pero’ li hu kien isself flus minghand iz-ziju taghha, u li lil dan kien qallu li kellu bzonnhom ghal uzu tieghu.

Il-konvenut jghid li, ghalkemm hu kien konxju tal-fatt li martu ma kienitx kuntenta li hu kien baqa’ jahdem il-Casino, matul il-ljeli, flimkien ma’ hafna nisa, u li ghalhekk kienu jillitigaw, huwa xorta wahda ma riedx li jbiddel ix-xoghol tieghu. Jichad li matul il-konvivenza huwa kellu relazzjoni matrimonjali, izda jammetti li ftit wara s-separazzjoni huwa kellu relazzjoni extra-matrimonjali li damet circa tlett snin.

---

4 Fol.128
5 Fol.120

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li mill-provi jrrizulta car u manifest li dan wera li kien inkapaci li jassuma l-obbligi essenzjali ghaz-zwieg, senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. Il-komportament tieghu kemm qabel, kif ukoll, u multo magis, matul iz-zwieg, kien ta' ostakolu serju sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom fiz-zwieg komunjoni ta' hajja u mhabba.

Minn naha l-ohra, il-fatt li l-attrici kienet taf, sa minn qabel iz-zwieg, bil-vizzju tal-loghob tal-konvenut, u li anke l-genituri tieghu kienu jilaghbu, u li dan kien diga' bejniethom fonti ta' litigji, dan il-fatt juri bic-car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali hija ma gharrfitx, probabbilment sforz l-immaturita' taghha, l-import tal-hajja matrimonjali mal-konvenut li kellu dan il-vizzju, u ghalhekk zgur li hi ghandha ggor parti mir-responsabbilita' ghan-nullita' taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici,u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Mejju 2003.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportanti konguntivament bejn il-partijiet, fi kwoti ta' zewg terzi [2/3] il-konvenut, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------